# Is-Sengħa tal-Barrieri u l-Imqabba

**Charles Camilleri**

Li hemm rabta qawwija bejn ir-raħal ta' l-Imqabba u s-sengħa antika tal-qtugħ tal-ġebel mill-barrieri, huwa fatt magħruf minn kulħadd. Dan jixhduh il-barrieri antiki li wieħed għadu jista' jara fit-truf ta' dan ir-raħal. Barra minn hekk, teżisti teorija li tgħid li l-isem Imqabba ġej minn verb Għarbi 'qabb' li jfisser taqta' l-ġebel.

Wieħed irid jgħid li matul iż-żminijiet, sew is-sengħa tal-qtugħ tal-ġebel mill-barrieri, kif ukoll l-għodod li kienu jintużaw sa xi ħamsin sena ilu, inbidlu sew.

F'dan l-artiklu ser naraw il-metodi li kienu jintużaw fil-qtugħ tal-ġebel, l-għodod li kienu jintużaw, kif ukoll ismijiet ta' diversi qatgħat u qisien ta' ġebel.

Qabel ma bdew jintużaw il-magni fil-barrieri, il-ġebel ma kienx joħroġ mill-barrieri bħal-lum, forma ta' kantun, iżda skond qisien li kien jitlob l-imgħallem fuq is-sit tal-bini. Biex jibda x-xogħol fuq barriera ġdida, l-ewwel li jrid isir huwa li titneħħa l-ħamrija mill-wiċċ. Dak iż-żmien ma kienx hawn gafef u l-ħamrija kienet titneħħa biz-zappun billi timtela' fi qfief u tinġarr minn fuq il-post permezz tal-bhima.

Meta jinkixef il-wiċċ tal-blat wieħed ikun jista' jara x'tip ta' blat hemm. Il-blata tal-wiċċ tista' tkun saff iebes li kien jissejjaħ *salvagg*, jista' jkun saff miksur u mmermer li kien jissejjaħ *fraglu* u jista' jkun blat artab imsejjaħ *turbazz*. Jista' jkun ukoll ta' tip imsejjaħ *soll*. Dan it-tip ta' ġebel ġieli jintuża fil-pedamenti peress li jekk jintuża 'l fuq mill-qatran, dan jitmermer malajr.

Issa ser naraw kif kien jinqata' l-blat mill-barrieri. L-ewwel kienet titħaffer trinka twila li kienet tissejjaħ *il-Qatgħa*. Wara kienet titħaffer trinka oħra li tiġi skorra mal-*qatgħa* u li kienet tissejjaħ *it-tisliba*. Dawn il-qatgħat kienu jsiru mill-wiċċ u kienu jsiru bil-baqqun. Għal din il-qatgħa, it-trinkatur kien joqgħod attent li ssir riegla ċomb (vertikali). Din it-trinka kienet issir bi bqaqen ta' diversi tulijiet, skond il-fond tat-trinka. Din it-trinka kienet tkun wiesa' xi erba' pulzieri (10cm).

Wara, l-blata tkun trid tinqata' minn taħt. Il-ġenb il-mikxuf kienet jissejjaħ *it-tavlatura*. Fit-tavlatura kienu jagħmlu toqob li kienu jissejħu *kniener* (waħda tissejjaħ *kenniera*) waħda ftit 'il bogħod mill-oħra. Fil-kniener kienu jitpoġġew *l-ispnajjar* (wieħed *spnar*). Dawn kienu speċi ta' skriepel kbar. L-ispnajjar kienu jissamru fil-kniener permezz ta' mazza kbira li kienet tkun tiżen mat-tletin ratal (24 kilo) jew aktar. Wara diversi daqqiet li kienu jingħataw b'ċerta sengħa, wieħed kien jara l-blata tinqata' mal-vina tal-blat bejn *il-qatgħa* u *ż-żewġ tislibiet*.



Spnajjar ta' diversi qisien.

Biex l-ispnajjar ikunu jistgħu jidħlu u joforqu l-blat, u fl-istess ħin ma jeħlux kienu jintużaw *iċ-ċapep*. *Ċappa* kienet tkun biċċa landa li kienet titpoġġa bejn l-ispnar u l-blata biex l-ispnar ma jeħilx mal-blat. Meta l-ġebla kienet tkun iebsa, waqt li kienet tingħata d-daqqa fuq l-ispnajjar, dawn kienu jerġgħu



Gio Maria Briffa waqt xogħol ta' trinkar.



Xogħol ġewwa barriera fl-Imqabba madwar sittin sena ilu.

jinbeżqu 'l barra. F'dawn il-każijiet, flok ċapep kienu jintużaw biċċiet ta' l-injam jew karti.

## Tipi ta' Xquq fil-Blat

Il-blat fil-barriera jista' jkollu xquq li skond in-natura, id-direzzjoni u l-inklinatura, għandhom ismijiet differenti kif ser ngħid:

**Brama:** is-soltu hija vertikali jew ftit jew wisq wieqfa, imma qatt mimduda jew orizzontali.

**Oppjatura:** ġeneralment mimduda, iżda ma tasalx 'il bogħod; ngħidu aħna minn xi tliet metri sa xi tlettax-il metru; ġieli tkun għax-xtur, iżda qatt vertikali.

**Qiegħ:** dan hu dejjem mimdud (orizzontali) u jibqa' sejjer tul kbir.

**Dagħbien:** is-soltu jkun vertikali u l-brama tista' tkun fergħa ta' dagħbien.

**Brama fina:** jgħidulha wkoll ħarira, imma jekk ma tkunx tidher bil-għajn imma tkun hemm tissejjaħ ukoll *brama lixxa* jew *barma muta*. Għal din trid toqgħod attent għax il-ġebla tista' tinqasam waqt li tkun qed tinħadem.

## Il-Qisien tal-Ġebel

Skond il-qies li kienet tinqata', il-ġebla kienet tingħata ismijiet differenti:

1. ***il-Biċċa:*** din kienet tiskorri l-ħmistax-il pied kubu u kienet l-aktar qies li kien joħroġ mill-barrieri. L-antiki kienu jgħidu *biċċa taqleb nofs karettun*. Dan għaliex fuq karettun ma kinuex joqgħodu żewġ *biċċiet*. Fil-fatt biex jgħabbuha, kienu l-ewwel igerrbuha u jpoġġuha wieqfa, kienu jħollu l-bagħal minn mal-karettun, u jpoġġuh bil-lasti wieqfin mal-*biċċa*. Kienu jorbtu l-biċċa mal-karettun, u jirbulawh. B'hekk il-biċċa kienet tiġi fuq il-karettun. Wara jerġgħu jorbtu l-bagħal. Meta daħlu l-krejnijiet, bdew jitgħabbew fuq it-trakkijiet permezz tal-krejn.

2. Wara kienet tiġi ***l-iskarpa.*** Din kienet tkun blokka li ma tiskorrix il-ħmistax-il pied kubu. *Skarpa* li kienet tkun kwadra kienet tissejjaħ *romblu.*

3. ***Blata***: hija blokka twila mhux inqas minn tliet piedi u nofs (1.1mtrs).

4. ***Kavall:*** kienet tkun blokka li t-tul tagħha huwa inqas minn tliet piedi u nofs. Mela itwal minn tliet piedi u nofs *blata*, inqas minn tliet piedi u nofs *kavall*.

5. ***Vasa***: hekk kienet tissejjaħ blokka li s-sezzjoni tagħha kienet ta' ħdax-il pulzier b'xiber u kwart (11" x 13").

6. ***Kantun dobblu***: kien ikun kantun wiesa' ħdax-il pulzier.

7. ***Kantun singlu:*** kien ikun kantun wiesa' disa' pulzieri.

Blata u kavall kienu jalludu biss għat-tul, waqt li l-vasa, kantun dobblu u kantun singlu kienu jalludu biss għall-ħxuna. Għaldaqstant, seta' jkollok *blata tal-kantun* (9" wisa', 10" għoli u 3'6" tul), u seta' jkollok *kavall tal-važi* (13" wisa', 10" għoli u 2' sa 3'6" tul).

8. ***Xulliel:*** kienu jkunu blokki li għandhom għoli ta' 10" imma t-tul u l-ħxuna mhux determinat. Dan kien jintuża fid-dobblu fejn wiċċ wieħed biss ikun jidher.

9. ***Xriek***: Kienu jintużaw biex isaqqfu bihom. Dawn kienu jkunu ħoxnin xi tliet pulzieri u t-tul kien ivarja. L-itwal xriek kien dak li jissejjaħ *tal-qasba* (6' 10"). Meta kienu jintużaw ix-xorok tal-qasba, l-irjus tax-xorok kienu jitqiegħdu fuq *il-kileb*. Dan kien ġebla ħierġa 'l barra mill-ħajt. Peress li x-xorok tal-qasba kienu jkunu twal, ġieli kienu jinqasmu, u biex jintrifdu kien jitqiegħed travu fin-nofs li kien jissejjaħ *pastaz*. Ġeneralment il-wisa' tax-xorok kien ikun ta' xiber (11"). Ix-xorok kienu jinxtraw bil-*barkata*. Barkata kienet numru ta' xorok ta' tul speċifikat. Jekk it-tul tax-xriek huwa qasir, in-numru ta' xorok f'barkata kien ikun relattivament kbir, filwaqt li meta jiżdied it-tul tax-xriek, in-numru ta' xorok jonqos. It-tul tax-xorok f'barkata kien ivarja minn tlett ixbar sa ħamest ixbar u nofs u kienu jinbiegħu hekk:

| Tul (bix-xiber) | Barkata (numru ta' xorok) |
|---|---|
| 3 | 16 |
| 3_ | 15 |
| 3_ | 14 |
| 3_ | 13 |
| 4 | 12 |
| 4_ | 11 |
| 4_ | 10 |
| 4_ | 9 |
| 5 | 8 |
| 5_ | 7 |
| 5_ | 6 |

Xorok itwal minn ħamest ixbar u nofs kienu jinbiegħu bil-wieħed.

10. ***Kaptell***: huwa xriek li huwa eħxen minn 4".

11. ***Skaluna***: Meta t-taraġ kien għadu jsir tal-ġebel, din il-ġebla kienet tinqata' skond il-bżonn.

12. ***Ċangatura***: kienet tintuża biex titpoġġa fl-art minflok il-madum.

Hekk tajna ħarsa ħafifa lejn sengħa antika ta' missirijietna li llum inbidlet u għall-grazzja t'Alla t-tbatija naqset mhux ftit. Madankollu m'għandna qatt ninsew kemm batew missirijietna u lanqas m'għandna nittraskuraw is-sengħa li huma kienu tant mgħallmin fiha. Għandna wkoll infakkru l-kliem tekniku li kien jintuża f'din is-sengħa tant sabiħa u li għandha rabta tant qawwija magħna l-Imqabbin.



**Xogħol ġewwa barriera fl-Imqabba llum.**

Referenzi meħuda minn artiklu li deher fil-Leħen is-Sewwa tas-26 ta' Mejju, 1954. Grazzi wkoll lis-Sur Joseph Farrugia li tani kopja ta' dan l-artiklu u lis-Sur Charles Farrugia li pprovda r-ritratti.